MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1277/2007

**Angelo Joseph Said et**

**vs**

**Marianna Pulis et**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi  wara li qalu:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru 22/23, St. Catherine Street, B'Bugia, illi huma kienu jikru lil Antonio Pulis li miet fid-29 ta' Awissu, 2000 skond certifikat hawn anness u mmarkat bhala dokument A ;

Illi l-imsemmi Antonio Pulis kien separat minn ma' martu Margaret Pulis nee' Zammit u ma kellu l-ebda minn uliedu jirrisjedu mieghu fil-gurnata tal-mewt tieghu biex b'hekk l-

unika persuna illi kienet tghix mieghu hija l-konvenuti Marianna Pulis, Sandra u Ruth Pulis ;

Illi l-imsemmija Marianna Pulis tinzerta illi hija l-mara ta' huh Joseph Pulis u dan skond certifikat taz-zwieg taghha mmarkat bhala dokument B u ghalhekk hija ma wirtitx il-kirja a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Illi l-imsemmija Sandra u Ruth Pulis huma wlied Giovanna Pulis bint l-imsemmija konvenuta Marianna Pulis li lanqas m'ghandhom titolu fuq il-fond in kwistjoni ;

Illi l-imsemmija konvenuti gew interpellati b'ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2007, kif immarkat bhala dokument C, biex jizgumbraw mill-fond in kwistjoni stante illi huma qeghdin jokkupaw l-istess fond, b'mod abbusiv u llegali u minghajr ebda dritt ;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressqu kontra t-talba tal-atturi ghall-konsenja lilhom ta-cavetta u l-pussess battal tal-imsemmi fond 22/23, St. Catherine Street, B'Bugia ;

Illi l-atturi jafu personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess.  Dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha indikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors.

Talbu illi din il-qorti :

Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jikkonsenjaw lill-atturi c-cavetta u l-pussess battal tal-fond numri 22/23, St. Catherine Street, B'Bugia stante li dawn jinsabu f'idejhom bla ebda titolu legali u konsegwentement

jirrilaxxjaw l-istess immobbli bhala liberi u bil-pussess battal favur l-atturi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2007 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process;

Rat illi l-konvenuti deheru u talbu illi jithallew jikkontestaw il-kawza, izda ma wrewx, imqar prima facie, illi ghandhom raguni tajba biex jikkontestawha u lanqas illi ghandhom eccezzjonijiet tajba xi jressqu.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez, u b'dan illi l-izgumbrament ghandu jsehh fi zmien tliet xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------